# Dal-Baħar Lejli

Nathan Anthony Pace

L-iskrivanija tiegħi
qisha x-xquq tal-qroll
u ma nistax nifrex fuqha
dal-baħar lejli
li għaddastni fih,
bl-istilel imsemmna ta' ġo fih
jiggranfaw mas-saqaf ta' ħalqi
meta niblagħhom tnejn tnejn
biex jikbru ġo fija,
u bix-xemx tixwini
meta nxarrbilha wiċċha
biex inqajjimha.

L-iskrivanija tiegħi
qisha ċ-ċirkonferenza
tal-qamar mill-bogħod
u ma nistax niftaħ
ir-rumanzi mġebbdin
u l-poeżiji smewwiet skuri
li ktibna
b'daharna lejn xulxin.

Nixtieq skrivanija ikbar
ħalli nħoll il-mapep
imħażża bil-lapes
ta' pajjiżi 'l bogħod
li ma niftakarnix inpinġi
u ħalli ngħaddihom
bil-bajro blu
bħall-baħar.